Sergio Bonnici

Vs

Portelli & Brincat Limited

CCT 91/24/CC

Illum 26 ta' Gunju 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fid-29 ta' April 2024, fejn talab rifuzjoni ta' l-ammont ta' €1,980 (elf, disa mija u tmenin ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnu ghal tlett *roller blinds* u hdax-il *blind* motorizzata u li r-rikorrenti xtara minghand is-socjeta intimata, ghal ammont totali ta' €3,290 (tlett elef, mitejn u disghin ewro)

Ra li s-socjeta intimata Portelli & Brincat Limited debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ipprezentat l-ebda risposta u ghalhekk hija fi stat ta' kontumacja.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi, deher biss l-attur.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-attur jixhed bil-gurament fis-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2024.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li f'Dicembru 2022 ir-rikorrenti ghamel ordni mas-socjeta intimata ta'*blinds*, liema ordni l-ammont totali taghha kien ta' €3,290 (tlett elef, mitejn u disghin ewro). Ir-rikorrenti permezz tal-procedura qieghed jitlob l-ammont ta' €1,980 (elf, disa mija u tmenin ewro) liema ammont jirraprezenta ammont totali ta' depozitu imhallas mir-rikorrenti. Inizjalment ir-rikorrenti gie infurmat li l-ordni ser tkun lesta ghal ahhar ta' Marzu 2023. Gara li in segwitu ghal diversi tentattivi ta' kuntatt mas-socjeta intimata r-rikorrenti, r-rikorrenti gie infurmat li l-ordni ma' kienetx lesta. Ir-rikorrenti jispjega li huwa kkonceda sa Novembru 2023, sabiex is-socjeta rikorrenti tikkompleta l-ordni, izda dan ma sehhx.

Illi fi Frar 2024, ir-rikorrenti baghat ittra registrata lis-socjeta intimata fejn infurmahom li qed jikkancella l-ordni, u ghalhekk talab il-hlas lura tad-depozitu fl-ammont ta' €1,980 (elf, disa mija u tmenin ewro). Din l-ittra hija ezebita fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Illi r-rikorrenti ipproduca fl-atti ta' dawn il-proceduri prova tal-hlas ta' l-ammonti ivversati minnu lis-socjeta intimata, kif ukoll ipprezenta ittra registrata mibghuta minnu lis-socjeta intimata.

Da parti taghha, is-socjeta intimata tinsab fi stat ta' kontumacja, u fis-seduta appuntata ghal provi tal-partijiet hadd ma deher in rapprezentanza tas-socjeta intimata sabiex tiggustifika l-istat ta' kontumacja taghha.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti jixhed bil-gurament fis-seduta ta' l-4 ta' Gunju u wara li ra d-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mir-rikorrent ghandha timmerita konferma.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li r-rikorrent irnexxielu jipprova l-istanza tieghu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnu ghandha tigi milqugha, b'dan li s-socjeta intimata ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €1,980 (elf, disa mija u tmenin ewro) rapprezentanti ammont imhallas minnu ghal ordni ta' *blinds.*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba mressqa mir-rikorrent, u jordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €1,980 (elf, disa mija u tmenin ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru